# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 656/2010 SM**

**Simon Debono u martu Angele Debono**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs.**

***Viaggio Facile***
**u b'digriet datat is-7 ta' Novembru, 2013,**
**gie kjamat fil-kawza n-Nutar Dottor**
**Robert John Muscat**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta’ Gunju, 2010, li permezz tieghu, gie sintetikament ikkonfermat is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata hi registrata mall-*Camera di Commercio Industria Artigianato Agricoltura di Caltanissetta,* fl-Italja bin-numru 01706650858;

1.2. Illi r-rikorrenti huma krredituri tas-socjeta` intimata fis-somma ta’ sittax- il elf, erba’ mija u wiehed u disghin euro u sitta u disghin centezmu, (€16,491.96), dovuta bil-mod segwenti:

1.2.1. €13,976.24: prezz ta’ xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti skont appalt datat iz-17 ta’ Dicembru, 2006, (ara foll 4);

1.2.2. € 2,515.72: bilanc mill-ammont dovut;

1.2.3. € 1,080.00: ammont dovut lid-Dipartiment tal-VAT;

1.3. Illi *nonostante* li interpellata diversi drabi biex thallas l-ammont globali minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti fl-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex il-kawza odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, *stante* li d-dejn hu cert, likwidu u dovut, u li fil-fehma tar-rikorrenti s-socjeta` intimata m’ghandha l-ebda eccezzjoni x’tipproduci fir-rigward;

1.5. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din il-qorti:

1.5.1. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.5.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas €16,491.46 prezz ta' xogholijiet u VAT kif fuq indikat;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat in-nota datata l-4 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha s-socjeta` intimata intavolat ir-ragunijiet taghha *ai termini* tal-artiklu 170 (1) tal-Kap 12 fuq riferit biex tattakka r-rikors guramentat tar-rikorrenti, (ara foll 19);

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet ittrattaw l-istess, awtorizzat lis-socjeta` intimata tipprezenta risposta guramentata ghat-talbiet tar-rikorrenti, u dan, fit-terminu hemm stipulat (ara foll 30);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha s-socjeta` intimata rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti: (ara foll 31)

4.1. Illi m'hemmx relazzjoni guridika mar-rikorrenti Angele Debono;

4.2. Illi hi socjeta` ibbazata l-Italja;

4.3. Illi n-negozjati kollha saru minn certu Fabio Maria Abate li ttermina l-impjieg tieghu minn mal-istess socjeta` fil-31 t'Awwissu, 2007;

4.4. Illi permezz ta' konvenju datat iz-17 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 38), is-socjeta` intimata obbligat ruhha tixtri minghand Simon Estates Limited l-appartament "on plan" numru 2, 26/27, Tower Street, Msida ghall-prezz ta' €88,519.19;

4.5. Illi l-ammont ta' €8,851.62 thallas in akkont mal-konvenju;

4.6. Illi kontestwalment gie wkoll konkluz kuntratt t'appalt, (ara foll 4), li permezz tieghu awtorizzat lir-rikorrenti Simon

Debono biex jaghmel ix-xogholijiet hemm indikati fl-istess proprjeta`, u dan, ghall-prezz ta' €16,491.96, inkluz il-VAT, liema ammont kellu jithallas bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 32);

4.7. Illi l-att finali ta' bejgh gie iffirmat fis-27 ta' Gunju, 2007, *in atti* tan-Nutar Dottor Robert John Muscat, (ara foll 41);

4.8. Illi ghal dan il-ghan fis-26 ta' Gunju, 2007, iddepozitat €97,298.00 fil-kustodja tan-nutar indikat fil-paragrafu precedenti biex tintuza bil-modalita` indikata fl-istess risposta guramentata tas-socjeta` intimata, (ara foll 32 u 49);

4.9. Illi skont l-iskeda ta' pagamenti s-socjeta` intimata tat struzzjonijiet lill-imsemmi nutar biex ma jirrilaxxax l-ammont t'€10,994.64 favur ir-rikorrenti Debono qabel ma jigu ezegwiti x-xogholijiet *ai termini* tal-kuntratt t'appalt fuq riferit;

4.10. Illi perit inkarigat mir-rikorrenti rrilaxxa certifikat ta' kompletazzjoni ma' xogholijiet datat iz-17 ta' Novembru, 2007, (ara foll 5);

4.11. Illi pero`, irrizulta li x-xogholijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti;

4.12. Illi *di piu`*, il-partijiet komuni u l-*lift* ma kienux ghandhom tlestew;

4.13. Illi ghalhekk infurmat lir-rikorrenti li ma kienitx ser teffettwa l-pagament riferit qabel, (ara paragrafu numru erbgha punt disgha, (4.9.), aktar qabel);

4.14. Illi bhala reazzjoni r-rikorrenti biddel is-serratura tal-entratura komuni u rrifjuta li jaghti c-cwievet il-godda lis-socjeta` intimata;

4.15. Illi rizultat ta' dan, is-socjeta` intimata ghadha imcahhda mill-proprjeta` *de quo*;

4.16. Illi ghalhekk ghadha mhix f'posizzjoni tara jekk ix-xogholijiet kienux saru skont is-sengha u l-arti;

4.17. Illi meta kellhom okkazjoni jispezzjonaw l-istess, instab li x-xogholijiet rimedjali kienu ghadhom ma sarux, (ara foll 33);

4.18. Illi hi disposta, kif dejjem kienet, li thallas l-ammont dovut lir-rikorrenti *ai termini* tal-kuntratt tal-appalt fuq riferit, (ara foll 4);

4.19. Illi dan ma sarx ghaliex ir-rikorrenti ma kkompletax ix-xoghol kif dovut;

4.20. Illi l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti;

4.21. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata l-24 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma' l-provi, (ara foll 72);

6. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-8 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu hatret lill-istess assistant gudizzjarju precedenti fil-kwalita` ta' perit legali, u dan, wara talba espressa tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 96);

7. Rat in-nota tas-socjeta` intimata datata l-25 t'Ottubru, 2013, li permezz taghha irtirat dak dikjarat fil-paragrafi numru sebgha (7) sa ghaxra (10), it-tnejn komprizi, fir-risposta guramentata taghha, (ara foll 31, korrispondenti ghall-paragrafu numru erbgha punt ghaxra, (4.10.), sal-paragrafu numru erbgha punt dsatax (4.19.), aktar qabel u foll 185);

8. Rat ir-rikors datat il-25 t'Ottubru, 2013, li ghar-ragunijiet hemm esposti, s-socjeta` intimata talbet li jigi kjamat in kawza n-nutar fuq riferit, (ara paragrafu numru erbgha punt sebgha, (4.7.), aktar qabel, u foll 186, flimkien mar-risposta ghall-istess tar-rikorrenti datata l-5 ta' Novembru, 2013, (ara foll 198);

9. Rat id-digriet taghha fir-rigward tat-talba indikata fil-paragrafu precedenti datata s-7 ta' Novembru, 2013, (ara foll 186 u 199);

10. Rat il-verbal tal-perit legali fuq riferita datat l-24 t'April, 2014, li permezz tieghu ddikjarat li l-kjamat in kawza kien fi stat ta' kontumacja, (ara foll 204, (data tan-notifika tal-istess kjamat in kawza) u foll 215);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata it-12 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 217), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata d-9 ta' Jannar, 2015, (ara foll 227);

12. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-24 ta' Gunju, 2015, (ara foll 263);

13. Rat in-nota tas-socjeta` intimata datata s-16 ta' Novembru, 2015, li permezz taghhaipprezentat id-domandi taghha ghall-eskussjoni tal-perit legali fuq riferita, (ara foll 290);

14. Rat ir-risposti tal-perit legali ghad-domandi riferiti fil-paragrafu precedenti, (ara foll 294);

15. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu, u wara li talbu l-awtorizzazzjoni kurjali biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 295);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata z-19 ta' Frar, 2016, (ara foll 296), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata l-25 t'April, 2016, (ara foll 301), u dik tal-kjamat in kawza datata l-25 ta' Mejju, 2016, (ara foll 308);

17. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti* inkluza r-relazzjoni peritali fuq riferita;

18. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

19.1. Illi s-socjeta` Simon Estates Limited gestita mir-rikorrenti bieghet appartament indikat qabel, (ara paragrafu numru erbgha punt erbgha, (4.4.), u ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` indikata f'dan l-istess paragrafu dehret certa Ilona Cilia Pisani, (ara foll 38);

19.2. Illi skont il-konvenju datat iz-17 ta' Dicembru, 2006, l-appartament *de quo* inbiegh a bazi tal-pjanti annessi mal-istess konvenju indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 38);

19.3. Illi skont kuntratt t'appalt separat, ukoll datat iz-17 ta' Dicembru, 2006, is-socjeta` intrabtet li thallas lir-rikorrenti Simon Debono is-somma ta' €13,976.24 bil-modalita` hemm indikata, ghal xogholijiet hemm indikati, (ara foll 4);

19.4. Illi s-somma indikata fil-paragrafu precedenti ma tinkludix l-ammont li jkun dovut fuq l-istess ghall-VAT, (ara foll 4);

19.5. Illi skont ir-rikorrenti:

19.5.1. Ix-xogholijiet indikati fl-istess kuntratt t'appalt fuq indikat gew kollha ezegwiti minnu skont l-istess appalt, (ara foll 5 u 7);

19.5.2. L-ammont ta' taxxa dovuta fuq il-VAT fuq l-istess ammont lilhu dovut ghall-istess hu ekwivalenti ghal €2,515.72, liema ammont ghadu wkoll ma thallasx lilu mis-socjeta` intimata, (ara foll 7);

19.6. Illi skont l-istess kuntratt t'appalt in dizamina il-partijiet ftehmu wkoll li l-ammont ta' Lm6,000.00 hemm indikat, (ekwivalenti ghall-ammont indikat fil-paragrafu numru dsatax punt tlieta, (19.3.), aktar qabel), kellu jithallas bil-modalita` segwenti:

19.6.1. Lm600.00: immedjatament mal-istess kuntratt t'appalt;

19.6.2. Lm1,400.00: flimkien mal-pagament ghall-appartament gebel u saqaf;

19.6.3. Lm4,000.00: fi zmien gimghatejn (2) minn meta il-kuntrattur jirrilaxxa c-certifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogholijiet;

19.7. Illi r-rikorrenti jsostni li ma ircieva xejn minn dawn l-ammonti hekk pattwiti, u dan, *nonostante* li l-imsemmi certifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogholijiet kien debitament rilaxxat mill-perit ikkoncernat fiz-17 ta' Novembru, 2007, (ara foll 5, 7, 12 u 87);

Ikkunsidrat:

20. Illi *nonostante* l-indirizz li s-socjeta` intimata tat lill-procedura odjerna fir-risposta guramentata taghha, (ara paragrafu numru erbgha, (4.), aktar qabel u foll 31), l-azzjoni odjerna hi limitata mill-parametri moghtija u stabbiliti fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed, (1.), aktar qabel u foll 1), senjatament kawza ghall-pagamenti dovuti minn kuntratt t'appalt;

21. Illi ghalhekk il-limiti tal-azzjoni odjerna huma dawk naxxenti mill-kuntratt t'appalt fuq riferit (ara foll 4);

22.0. Illi sintetikament dan il-kuntratt t'appalt stipula is-segwenti:

22.1. Illi r-rikorrenti kien kummissjunat mir-rapprezentant tas-socjeta` intimata biex jezegwixxi x-xogholijiet hemm elenkati, (ara foll 4);

22.2. Illi ta' dan ir-rikorrenti kellu jigi remunerat bil-modalita` hemm ukoll pattwita, (ara foll 4 u paragrafu numru dsatax punt sitta, (19.6,), aktar qabel u foll 144);

22.3. Illi l-pagament finali kien jiddependi minn certifikat peritali rilaxxat fir-rigward, (ara foll 4 u paragrafu numru dsatax punt sitta punt tlieta, (19.6.3.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

23.0. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` intimata sostna is-segwenti bid-dikjarazzjoni guramentata tieghu datata l-1 ta' Marzu, 2013: (ara foll 145)

23.1. Illi s-Lm600.00 thallsu fiz-17 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 145);

23.2. Illi l-Lm1,400.00 thallsu fis-27 ta' Gunju, 2007, data tal-firma tal-kuntratt finali, (ara foll 145);

23.3. Illi l-kumplament, (Lm4,000.00), thallsu mat-trasferiment bankarju finali, (ara foll 145);

23.4. Illi effettivament il-pagamenti kollha hawn involuti kienu kollha saru lin-nutar kjamat in kawza, (ara foll 145);

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tan-nota datata l-25 t'Ottubru, 2013, is-socjeta` intimata irtirat l-eccezzjonijiet taghha enumerati minn numru sebgha (7) sa ghaxra, (10), (ara foll 185 u foll 33), u dan, fir-rigward tax-xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti u l-kwalita` involuta fl-istess;

25. Illi in vista tal-premess, din il-qorti m'ghandha allura xejn aktar x'tirrileva fir-rigward u tikkunsidra ghalhekk li x-xogholijiet in dizamina gew ezegwiti skont kif ikkonfermat mill-perit arkitett li irrilaxxa certifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogholijiet, (ara foll 5, 7, 12 u 87);

Ikkunsidrat:

26.0. Illi rigward l-ewwel risposta ta' natura preliminari sollevata mis-socjeta` intimata rigwardanti l-allegata nuqqas ta' relazzjoni guridika tal-istess socjeta` intimata mar-rikorrenti Angele Debono, jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi l-istess rikorrenti hi l-mara tar-rikorrenti Simon Debono u hi kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti;

26.2. Illi kif irrilevat l-abbli perit legali fir-relazzjoni taghha fuq riferita li din il-qorti, *stante* li m'ghandha l-ebda raguni li tikkonfuta, qeghda taghmilha taghha fit-totalita` kollha taghha;

26.2.1. Illi f'dan ir-rigward partikolari hemm atti li jirrikjedu l-intervent taz-zewg konjugi;

26.2.2. Illi l-kaz odjern jikkwalifika ghal dan it-tip t'intervent tal-konjugi;

26.2.3. Illi *stante* li l-konjugi Angele Debono hi kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti tar-rikorrenti zewgha, allura:

> "... ghamel sew li lil martu dahhala mieghu fil-kawza tenut kont li dawn huma kreditu tal-kommunjoni tal-akkwisti..." (ara foll 278);

26.3. Illi in vista tal-premess din ir-risposta preliminari ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi rigward tal-kjamat in kawza jinghad sintetikament is-segwenti:

27.1. Illi din il-qorti qeghda tistrieh ukoll fuq ir-relazzjoni peritali pprezentata *in atti*;

27.2. Illi fir-rigward jirrizulta fil-qosor is-segwenti:

27.2.1. Illi hu kontumaci;

27.2.2. Illi *nonostante* dan fin-nota skritta tieghu isosstni li hu estraneju ghall-vertenza bejn il-kontendenti principali ghaliex ma kellux x'jaqsam mar-relazzjonijiet kuntrattwali konkluzi bejniethom;

27.2.3. Illi f'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-kazistika kkwotata mill-istess abbli perit legali fuq riferita li rriproduciet is-segwenti: (ara foll 279)

> "... l-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provediment," (l-ordni tal-kjamata in kawza ta' parti), "huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi apposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jzviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur";

27.3. Illi kif espressament stabbilit mill-artiklu 962 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-kjamat in kawza hu meqjuz bhala konvenut iehor fil-procedura li jissejjah fiha;

27.4. Illi kif rilevat mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza parzjali taghha fl-ismijiet ***Vincent Agius proprio et nomine vs. Mario Borg et***, datata ***t'28 ta' Marzu, 2003***:

> "L-interess li jillegittima l-kjamata in kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, intiz dan l-interess mhux necessarjament fis-sens li l-kjamat in kawza jkun kundannat jew liberat, imma anki fis-sens li hu jkun jista' jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-konvenut, jew tieghu stess differenti mit-tnejn, jew ghal wiehed jew l-iehor, u jipprovoka decizjoni, fil-limiti tal-azzjoni, li tistabbilixxi certi fatti u drittijiet favorevoli jew kuntrarji ghalih, bla ma jigi liberat jew kundannat";

27.5. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili taghmel taghha l-konkluzzjoni li wasslet ghalihom l-abbli perit legali fir-rigward u tiddikjara f'dan il-kuntest: (ara foll 279)

27.5.1. Illi l-kjamat in kawza kellu relazzjoni kuntrattwali mal-partijiet;

27.5.2. Illi din ir-relazzjoni ikkristallizzat ruhha meta accetta li jkun id-depozitarju tal-flus tas-socjeta`

intimata biex jghaddi l-istess lir-rikorrenti skont il-ftehim pattwit bejniethom;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi fuq il-mertu kif indirizzat mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

28.1. Illi s-somma komplessiva li r-rikorrenti qeghdin jitolbu ghax-xogholijiet minnhom ezegwiti hi ammontanti ghal Lm6,000.00, (ara foll 4);

28.2. Illi jirrizulta li Lm4,000.00 gew depozitati mis-socjeta` intimata ghand in-nutar kjamat in kawza bhala depozitarju tal-istess socjeta`;

28.3. Illi l-istess socjeta` qatt ma tat struzzjonijiet lill-istess nutar biex jittrasferixxi dak l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti, (ara foll 145);

28.4. Illi jigi osservat f'dan is-sens li *nonostante* ir-rilaxx tac-certifikat ta' finalizzazzjoni ta' xogholijiet *de quo*, (ara foll 5, 7, 12 u 87), is-socjeta` intimata kienet ghada qed tikkontesta x-xogholijiet u ssostni li ma kienux skont is-sengha u l-arti sa ma irrinunzjat ghar-risposti taghha fir-rigward permezz ta' nota appozita datata l-25 t'Ottubru, 2013, li permezz taghha irtirat l-istess, (ara foll 185 u foll 33);

28.5. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta allura assodat li r-rikorrenti ghadhom sal-lum ma ircevewx dawn Lm4,000.00 depozitati mis-socjeta` intimata ghand in-nutar kjamat in kawza, u b'hekk ghadhom dovuti lir-rikorrenti mill-istess socjeta` intimata;

28.6. Illi rigward il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti ghandhomx jizbankaw l-istess ammont in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

28.6.1. Illi l-artiklu 944(1) tal-Kap 12 fuq riferit jistabbilixxi s-segwenti:

> "Bla hsara ta' fejn il-ligi tghid xort'ohra, l-flus hekk imqeghda ma jistawx jigu zbankati, kollha jew bicca minnhom, minghajr ma jigu mharsa l-kondizzjonijiet maghmulin fic-cedola ta' depozitu, hlief jekk l-izbank isir b'esekuzzjoni ta' sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat jew wara kunsens espress tal-persuni interessati"

28.7. Illi ghalhekk il-biza' riportata mir-rikorrenti fin-nota ta' kritika taghhom fir-rigward, (ara foll 297), li l-izbank *de quo* jista' jigi oppost minn terzi mhix fondata;

28.8. Illi fir-rigward tal-imghaxijiet fuq l-istess somma hawn ikkonsidrata ssir riferenza ghall-artiklu 1141 tal-Kap 16 fuq riferit li tghid:

> "(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso jure*, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita;
>
> "(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni";

28.9. Illi in vista tal-premess, jinghad li l-imghax involut ghandu jithallas minn nutar kjamat in kawza u dan, mid-data tar-rikors guramentat promotur, senjatament mit-30 ta' Gunju, 2010, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

29.0. Illi rigward is-Lm600.00 fuq riferita, (ara paragrafu numru dsatax punt sitta, (19.6.), aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi skont il-kuntratt t'appalt in dizamina jirrizulta li dan l-ammont kellu jithallas dakinhar stess tal-ftehim, *senjatament* fiz-17 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 4);

29.2. Illi in effetti l-istess nutar kjamat in kawza jsosstni fix-xhieda tieghu li effettivament ir-rikorrenti tramite r-rapprezentanti tieghu, kien ircieva dan l-ammont *"direttament"* fl-istess laqgha, (ara foll 114);

29.3. Illi *di piu`*, fil-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward, l-abbli perit legali wkoll tasal ghall-konkluzjoni li effettivament ir-rikorrenti kien ircieva l-ammont in dizamina taht dan il-kap, (ara foll 283 u 284);

29.4. Illi in vista tal-premess tikkonsidra bhala debitament ippruvat li r-rikorrenti effettivament ircieva l-ammont ta' Lm600.00 hawn in dizamina;

29.5. Illi konsegwenza tal-istess, tqis li dan l-ammont mhux dovut lir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

30. Illi rigward is-soma ta' LM1,400 fuq riferita, (ara paragrafu numru dsatax punt sitta, (19.6.) aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi din is-somma kienet depozitata mis-socjeta` intimata man-nutar kjamat in kawza mall-firma tal-kuntratt finali, (ara foll 145);

30.2. Illi minn ezami tal-provi kollha prodotti ma jirrizultax li n-nutar *de quo* ghadda din is-somma lir-rikorrenti;

30.3. Illi skont il-kuntratt t'appalt l-ammont *de quo* kellu jithallas lir-rikorrenti sa gimghatejn wara li jsir il-kuntratt ta' bejgh tal-appartament in kwistjoni, liema kuntratt jirrizulta li sar fis-27 ta' Gunju, 2007, (ara foll 41);

30.4. Illi kif irriteniet l-istess abbli perit legali fir-rigward, (ara foll 284), l-ispjegazzjoni li jaghti in-nutar kjamat in kawza mhix plawsibbli *stante* li s-somma hemm riferita

kienet tirrapprezenta biss ghaxra fil-mija, (10%), tal-prezz u s-somma ghal xogholijiet strutturali li l-istess socjeta` intimata riedet li jsiru fl-istess appartament;

30.5. Illi min-naha tieghu l-istess nutar kjamat in kawza isosstni li din is-somma thallset lis-socjeta` Simon Estates Limited mal-kuntratt ta' bejgh tal-appartament in dizamina fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru tletin punt tlieta, (30.3.), aktar qabel u foll 114);

30.6. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar bla bzonn, taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet l-abbli perit legali fir-rigward tal-apprezzament tal-provi, (ara foll 280 u 281), u tistabbilixxi li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti pprova l-pretensjoni tieghu, u konsegwentement tqis li dan l-ammont hawn indirizzat hu wkoll dovut lir-rikorrenti unikament min-nutar kjamat in kawza u l-imghax fir-rigward ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, *senjatament* mit-30 ta' Gunju, 2010, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

31.0. Illi rigward l-ammont dovut lid-dipartiment tal-VAT jinghad sintetikament is-segwenti:

31.1. Illi fil-kuntratt t'appalt in dizamina datat iz-17 ta' Dicembru, 2006, ma jirrizulta li saret l-ebda riferenza ghall-pagament dovut lid-dipartiment *de quo*, (ara foll 4);

31.2. Illi in effetti l-uniku referenza li ssir fir-rigward tirrizulta li kienet l-eskluzjoni specifika ta' dan il-pagament partikolari, (ara foll 4);

31.3. Illi konsegwenza tal-istess ghandu jkun pacifiku li l-ammont eventwalment imhallas lir-rikorrenti jkun ukoll jirrikjedi l-inkluzjoni t'ammont iehor relattiv ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hekk dovuta, senjatament bir-rata ta' tmintax fil-mija, (18%), liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta` intimata;

31.4. Illi f’dan ir-rigward ssir ukoll ampja riferenza ghal dak analizzat mill-abbli perit legali *de quo* u tiddikjara li tikkonkorda mieghu, (ara foll 284 u 285);

31.5. Illi tiddikjara ghalhekk li s-somma ta’ elfejn, hames mija u hmistax- il euro u tnejn u sebghin centezmu, (€2,515.72), hi dovuta mis-socjeta` intimata ghal dan il-kap;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi bir-riserva segwenti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti limitatament kif ser jigi indikat bi precizjoni aktar l-isfel;

32.2. Tirrespingi r-risposti relattivi tas-socjeta` intimata;

32.3. Tiddikjara li l-ammont dovut lir-rikorrenti hu ghalhekk hamest elef u erba’ mitt Lira Maltin, (Lm5,400.00), ekwivalenti ghal tnax- il elf, hames mija u tlieta u tmenin euro, (€12,583.00), liema somma hi komposta bil-mod segwenti:

32.3.1. Lm4,000.00: li diga’ jinsabu depozitati fir-registru ta’ din il-qorti, (ara foll 286), ekwivalenti ghal €9,320.00, liema depozitu ghandu jigi liberament zbankat mir-rikorrenti;

32.3.2. LM1,400.00: li hu ekwivalenti ghal tlett elef, mitejn u tnejn u sittin euro, (€3,262.00), jithallsu lir-rikorrenti min-nutar kjamat in kawza;

32.3.3. €2,515.72: ammont dovut mir-rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema ammont ghandu

jithallas mis-socjeta` intimata lill-istess rikorrenti, (ara foll 285);

32.4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata u lill-kjamat in kawza fuq riferit biex ihallsu lir-rikorrenti l-ammonti hekk likwidati;

32.5. Illi rigward l-ispejjez dovuti ghall-procedura odjerna tordna li dawn ghandhom jinqassmu ugwalment bejn is-socjeta` intimata u n-nutar kjamat in kawza.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**